# FIL-QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' April 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 344/21**

fl-ismijiet

**Joseph Desira**
**(ID 312168M)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Gudja, Awtorita' Għat-Trasport f'Malta, Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u, b'digriet tat-30 ta Marzu 2021, ġiet kjamata in kawża Infrastructure Malta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent Joseph Desira fil-5 ta' Marzu 2021 fejn talab lill-Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati milli:

   *Milli jippjantaw, jimmontaw, jikkostruwixxu, jimmarkaw fuq l-area direttatament faċċata tal-fond uffiċċjalment magħruf bħala Ruby Lily, fi Triq Ħal Għaxaq, Gudja u ż-żewg garages adjaċenti għall-istess fond xi bus stop jew bus shelter b'manjiera illi jostakolaw, ifixklu jew ixekklu l-aċċess liberu għal fuq proprjeta tiegħu.*

   *Illi nhar il-jum tat-2 ta' Marzu 2021, l-esponenti rrealizza li faċċata tal-proprjeta residenza tiegħu u ċioe Ruby Lily, fi Triq Ħal Għaxaq, Gudja, kien qed isir preparament sabiex jibdew jiġu mnehdija xogħolijiet ta' tħejjija sabiex tiġi mibnija u mqgħieda Bus shelter jew Bus stop u dan kif jidher aħjar mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala Dok JDl, JD2, JD3, u JD4.*

   *Illi l-esponenti wera l-oġġezzjoni tiegħu għal dawn ix-xogħolijiet u għad li ta r-raġunijiet tiegħu deher ċar li ma kienx qed jiġi kkalkolat.*

*Illi jekk dawn ix-xogħolijiet jiġu eżegwiti, dan ikun ifisser illi l-esponenti ser ikun prekluż milli juża l-proprjeta tiegħu, b'mod partikolari ż-żewġ garages, peress illi l-aċċess tiegħu għall-ġewwa dawn iż-żewġ garages ser jiġi ristrett b'mod u manjiera li ma jibqax possibbli għalih li jidħol fl-istess.*

*Illi jekk l-intimati ser jissoktaw bl-iżvilup tagħhom konsistenti fit-tqegħid ta' Bus stop jew Bus shelter l-esponenti ser jiġi mċaħħad minn dritt ta' proprjeta b'mod irreparabbli.*

*Illi għalhekk l-urġenza u neċessita li din it-talba tiġi akkolta hija ta' importanza massima stante illi bl-aġir ta' l-intimati, jew min minnhom, l-esponenti ser ibagħti preġudizzju għad-drittijiet tiegħu ta' proprjeta u d-dannu li ser ikun qed isofri ser ikun wieħed irreparabbli.*

2. Rat illi, fil-5 ta' Marzu 2021, dina l-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament filwaqt illi ordnat notifika lill-kontro parti, u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għat-22 ta' Marzu 2021.

3. Rat illi fil-12 ta' Marzu 2021, is-soċjeta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited ippreżentat ir-risposta tagħha fejn opponiet għat-talba rikjesta u ressqet is-segwenti difiżi:

*llli t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, fil-konfront tas-soċjeta' esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u għandha tiġi miċħuda u d-digriet tal-5 ta' Marzu 2021 għandu jiġi rrevokat contario imperio, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi preliminarjament, ma tezisti l-ebda socjeta' maltija bl-isem 'Malta Public Transport' u r-rikorrent għandu jispeċifika liema soċjeta' jixtieq illi jinibixxi permezz ta' dan il-mandat odjern.*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, s-soċjeta' esponenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited, assolutament mhix il-leġittimu kuntradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għaliex ma tistax tiġi inibita milli "jippjantaw, jimmontaw, jikkostruwixxu, jimmarkaw fuq l-area direttament faċċata tal-fond uffiċċjalment magħruf bħala Ruby Lily, fi Triq Ħal Għaxaq, Gudja ... xi bus stop jew bus shelter" meta fl-ewwel lok, is-soċjeta' esponenti mhux biss mhix involuta fil-pjanijiet illi ssir din il-bus stop, iżda ma għandha l-ebda setgħa jew awtorita' illi tagħmel dan skond il-liġi.*

*3. Illi allavolja huwa minnu illi s-soċjeta' esponenti hija konċessjonarja esklussiva u operatriċi tat-trasport pubbliku fuq l-art ta' 'Scheduled Bus Service as a Regular Passenger Transport Service' ai termini tal-liġi Maltija, l-istess soċjeta' hija soċjeta' kompletament privata, li m'għanda l-ebda kontroll, poter jew setgħa, kemm kuntrattwali kif ukoll fil-liġi, illi tagħżel hi fejn isiru u ma jsirux il-bus shelters u bus stops ġewwa Malta u Għawdex, jew li tibni u/jew tinstalla minn jeddha bus stops jew bus shelters.*
*4. Illi bħala l-operatriċi u konċessjonarja tat-trasport pubbliku, s-soċjeta' esponenti għandha biss id-dritt illi tuża dawn il-bus stops fil-provvista tat-trasport pubbliku u li twaħħal informazzjoni dwar l-iskeda tat-trasport għall-*

*pubbliku in ġenerali. Ħlief għal dan id-dritt ta' użu, s-soċjeta' esponenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited m'għandha l-ebda kontroll jew setgħa oħra, fir-rigward ta' din l-infrastruttura pubblika.*

*5. Illi għaldaqstant is-soċjeta' esponenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited, mhix il-leġittimu kuntradittur fil-mandat odjern u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi hija ma tistax tiġi inibita milli tagħmel xi ħaġa illi qatt ma tista' tagħmel skond il-liġi.*

*6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-mandat odjern, li jidher li qed jintalab ai termini tal-Art 873 tal-Kap 12, għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu stante li huwa nieqes għal kollox mill-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u ċioe' huwa nieqes mill-element tal-irrimedjabbilita' tal-preġudizzju.*

*7. Illi f'kull każ is-soċjeta esponenti tbagħti biex tifhem x'inhu il-preġudizzju irremedjabbli u kif l-ippożizzjonar ta' bus stop jew bus shelter jista' jfixkel irrimedjabbilment it-tgawdija tad-drittijiet ta' proprjeta illi r-rikorrent allegatament ivvanta.*

*8. Għaldaqstant u in vista tas-suespost u tal-fatt illi s-soċjeta' esponenti mhix il-leġittimu kuntradittur fl-azzjoni odjerna, l-istess soċjeta' esponenti għandha bir-rispett, tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern għandha tiġi miċħuda filwaqt li jiġi revokat ukoll contrario imperio d-digriet tal-5 ta' Marzu 2021 fejn t-talba rikorrenti ġiet milqugħa b'mod provviżorju min dina l-Onorabbli Qorti.*

*9. Salv kull eċċezzjoni oħra permissibbli skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

4. Rat ir-risposta tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta ippreżentata fil-15 ta' Marzu 2021 fejn laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti mogħti nhar il-5 ta' Marzu, 2021 u bir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mressaq mir-rikorrent, liema notifika seħħet dakinhar stess li ġie preżentat ir-rikors odjern u ċioe' nhar il-5 ta' Marzu, 2021;*

*Illi l-Awtorita' esponenti topponi bil-qawwa għat-talba tal-ħruġ tal-mandat odjern u umilment tirrileva li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern b'mod definittiv fil-konfront tal-Awtorita' esponenti u dan abbażi tas-segwenti raġunijiet:-*

*1. Illi fuq bażi preliminari l-esponenti teċċepixxi li m'hijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan stante li m'għandha ebda pjan u ma uriet ebda intenzjoni li tippjanta, timmonta, tikkostruwixxi jew timmarka iż-żona in kwistjoni sabiex tinbena xi 'bus stop' jew 'bus shelter'. Għaldaqstant l-Awtorita' esponenti għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi l-Awtorita' esponenti ma hijiex l-entita' responsabbli mill-bini ta' 'bus shelter' u/jew 'bus stop' fi Triq Ħal-Għaxaq, Gudja, u m'għandha ebda involviment f'dan ir-rigward;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, il-proċeduri odjerni huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost, l-Awtorita' esponent issostni li m'hemm ebda raġuni valida fil-liġi għala din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u toħroġ il-mandat b'mod definittiv fil-konfront tal-Awtorita' esponenti u għaldaqstant l-istess esponenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba b'mod definittiv.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

5. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kunsill Lokali Gudja ppreżentat ir-risposta tagħha, fejn qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi rikorrent permezz tar-rikors tiegħu intavolat nhar il-5 ta' Marzu 2021 talab lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-konvenuti milli jippjantaw, jimmontaw, jikkostruwixxu, jimmarkaw fuq l-area direttament faċċata tal-fond uffiċċjalment magħruf bħala Ruby Lily, fi Triq Ħal-Għaxaq, Gudja, u ż-żewġ garages adjaċenti għall-istess fond xi bus stop jew bus shelter b'manjiera illi jostakolaw, ifixklu jew ixekklu l-aċċess liberu għal fuq proprjeta' tar-rikorrent.*

*Eċċezzjoni Preliminari*

1. *Illi preliminarjament, l-esponent Kunsill Lokali Gudja għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għas-sempliċi raġuni li mhuwiex il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri.*

   *Illi, l-ippjantar, immontar, kostruzzjoni ta' bus stops jew bus shelters u kif ukoll l-immarkar fuq l-area magħżula ma jaqax taħt il-kontroll jew taħt il-funzjonijiet, mansjonijiet u kompetenza tal-istess Kunsill esponent.*

   *Illi skont l-Artikolu 7 tal-Att Dwar L-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta, Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, il-liġi tistipula' s-segwenti:*

   > *" 7. Bla ħsara għas-setgħat u l-funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità skont l-Artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet segwenti, speċifikament fir-rigward ta' toroq u ferroviji u t-trasport stradali u ferrovjarju;*
   >
   > *[...]*
   >
   > *(l) tippjana, tistalla, tibni u tieħu ħsieb bus stops, farestages, vened tal-karrozzi tal-linja, taxi stands, stands tal-karrozzini u faċilitajiet oħra għall-passiġġieri, u li tirregola l-istallazzjoni ta' xelters tal-linja."*

*Illi ċarament allura, tali setgħat u funzjonijiet jaqgħu taħt l-Awtorita' stabbilita permezz ta' dak l-Att, liema Awtorita' hija;*

> *"l-Awtorità tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-Artikolu 5."*

*Illi għaldaqstant, in vista' tas-suespost, il-Kunsill esponent ma għandu l-ebda rwol fl-ippjantar, immontar, kostruzzjoni ta' bus stops jew bus shelters u kif ukoll l-immarkar fuq l-area magħżula, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Illi oltre dan, ix-xogħolijiet in kwistjoni qed isiru mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u Infrastructure Malta, mhux mill-Kunsill esponent.*

*Sottomissjonijiet ulterjuri mingħajr preġudizzju għal dak ġia' mressaq.*

*Illi bir-rispett dovut it-talba m'għandhiex tiġi akkolta u l-mandat għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet segwenti:-*

*1. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa regolat mill-Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Is-Sub Artikolu (2) ta' l-Artikolu imsemmi jipprovdi illi:*

*"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher illi għandu dawk il-jeddijiet."*

*2. Illi ma teżisti l-ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt sabiex il-mandat ta' inibizzjoni fil-każ odjern jiġi maħruġ.*

*3. Illi oltre dan ir-rikorrent għandu jindika l-jedd li hu qiegħed jallega li għandu, u li a bażi tiegħu qiegħed iressaq it-talba għall-ħruġ tal-mandat in kwistjoni.*

*4. Illi l-istess rikorrent għandu wkoll iġib prova illi l-preġudizzju irrimedjabbli illi hu allegatament ser ikun qed isofri jista' biss jiġi evitat jekk il-Qorti tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni;*

*5. Illi skont ir-ritratt hawn anness u mmarkat bħala Dok A, il-Kunsill esponent itennu li l-post indikat għall-bini tal-bus shelter u/jew bus stop kien jintuża bħala parkeġġ tal-karozzi u dan skont il-marki bojod li jinsabu fuq it-tarmac.*

*Illi għalhekk, xorta waħda kien ikun hemm karozza pparkjata fil-post indikat għall-bini tal-bus shelter u/jew bus stop, liema karozza kellha l-istess qies tal-konkos li ser ikun il-bażi tal-istess bus shelter u/jew bus stop.*

*Illi kif jirriżulta' ċarament minn Dok A, l-aċċess tar-rikorrent għal ġo dawn iż-żewġ garages mhux se jiġi ristrett bl-ebda mod u manjiera.*

*Għaldaqstant, ma hemm l-ebda preġudizzju li qiegħed jew li se jkun qed jiġi kkaġunat lir-rikorrent bil-bini tal-istess bus stop u/jew bus shelter u konsegwentement ma teżisti l-ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt sabiex il-mandat ta' inibizzjoni fil-każ odjern jiġi maħruġ.*

*Disposizzjonijiet tal-Liġi*

*6. Illi wkoll, id-disposizzjonijiet tal-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jridu jirċievu interpretazzjoni restrittiva. Mhux biżżejjed li għal ħruġ ta' mandat ir-rikorrenti juri li għandu prima facie dritt [...] pero' jrid jipprova illi l-mandat hu neċessarju b'tali mod li n-nuqqas ta' ħruġ tiegħu ser isarraf f'dannu irrimedjabbli għar-rikorrenti (ara PF Steel Ltd vs Tal-Ħerba Construction Ltd Inib. 794/2011/MC). Din in-neċessita' li fi kliem il-Qorti tfisser li mingħajr il-ħruġ tal-mandat il-jedd li jista' jkollu r-rikorrenti jista' jitneħħa darba għal dejjem b'mod irrimedjabbli ma jirriżultax f'dan ir-rikors (ara Charles Mugliett vs Saviour Bonnici Inib. 2086/1997/JRM).*

*7. Illi dato dan, il-liġi tirrikjedi li jkun hemm tliet elementi kumulattivi sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (ara Mary Grace D'Amato née Micallef KI 285673(M) vs. Raymond sive Ray u Georgina sive Gina konjuġi Micallef bil-karta tal-identità rispettivi KI 272988M u KI 300168M – Inib. 1710/2016/LM) u ċioe':*

> *a. Il-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti se jsofri preġudizzju;*
>
> *b. Ir-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet; u*
>
> *c. L-irrimedjabbilita' tal-ksur tal-jedd bin-nuqqas ta' ħruġ tal-mandat.*

*8. Illi f'dan il-każ, ebda minn dawn l-elementi ma jeżistu.*

*9. Illi hemm imbagħad l-Art.873(3) tal-Kap.12 li jaqra hekk –*

> *"Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-Qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*

*10. Illi meta fejn, bħal fil-każ tal-lum, wieħed mill-intimati tkun Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, b'żieda mal-elementi li joħorġu mis-subinċiżi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jingħad fis-subinċiż (3) u ċioe` (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat*

*ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

*11. Għaldaqstant, it-tliet elementi neċessarji skont il-liġi biex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jissussistux fil-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant, il-ħruġ ta' dan il-mandat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Bl-ispejjeż.*

6. Rat illi fit-23 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent talab għall-kjamat in kawża ta' Infrastructure Malta, liema talba ma ġietx opposta mill-partjiet fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2021, u għalhekk il-Qorti laqgħet it-talba għall-kjamat il-kawża ta' Infrastructure Limited.

7. Rat illi fis-7 ta' April 2021, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta ippreżentat ir-risposta tagħha fejn qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-Aġenzija intimata u lill-intimati l-oħra, u ċioe' l-Kunsill Lokali Gudja, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Malta Public Transport Services (Operations) Ltd, milli jippjantaw, jimmontaw, jikkostruwixxu, jimmarkaw fuq l-area direttament faċċata tal-fond uffiċċjalment magħruf bħala Ruby Lily fi Triq Ħal Għaxaq, Gudja, u ż-żewġ garages adjaċenti għall-istess fond, xi bus stop jew bus shelter u dana minħabba l-fatt illi r-rikorrenti qiegħed jallega illi se jiġi ostakolat, imfixkel jew imxekkel l-aċċess liberu għal fuq il-propjetà tiegħu;*

   2. *Illi l-esponenti tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imniżżla fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri f din ir-risposta:*

   *Ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru fi Triq Ħal Għaxaq, Gudja*

   3. *Illi jiġi umilment sottomess illi, wara diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Gudja fir-rigward tal-posizzjoni tal-bus shelter jew bus stop, Infrastructure Malta kienet responsabbli* **biss** *mill-implimentazzjoni tal-bażi tal-konkos li fuqha se tiġi installata l-istruttura tal-istess bus shelter jew bus stop. Illi għaldaqstant, l-installazzjoni tal-bus stop jew bus shelter fuq it-tali bażi tal-konkos ma taqax fil-kompetenza ta' Infrastructure Malta;*

   4. *Illi in oltre, l-imsemmija bażi tal-konkos, illi fuqha se jitwaħħal il-bus stop jew bus shelter, diġa' saret u dana kif jixhed ir-ritratt hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. IM 1'.*

   5. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-post indikat għall-bini tal-bus stop jew bus shelter kien jintuża' bħala parkeġġ tal-karozzi u dana skont il-marki bojod li jidhru fuq l-asfalt;*

*Illi għaldaqstant, fil-każ illi l-konkos, li huwa l-bażi tal-istess bus stop jew bus shelter, ma sarx, xorta waħda kien qiegħed ikun hemm karozzi pparkjati. Illi in oltre, l-istess bażi mhux talli ma jisporġix 'il barra iktar mil-linja tal-parkeġġ tal-karozzi iżda talli ġie inqas minn spazju ta' parkeġġ, hekk kif jidher mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. IM 2' u 'Dok. IM 3' rispettivament. Illi għalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti, u ċioe' illi l-aċċess tar-rikorrenti għal ġo dawn iż-żewġ garages se jiġi ristrett, hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

6. *Illi in oltre, it-turning circle illi qiegħed jiġi mmarkat bl-isfar fuq id-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. IM 4', ikompli juri biċ-ċar kif ir-rikorrenti se jkun jista' joħroġ miż-żewġ garages bil-vettura/i tiegħu;*

7. *Illi finalment dawn ix-xogħolijiet qegħdin isiru għal skop pubbliku, primarjament sabiex titjieb l-infrastruttura u s-sigurta' tal-akwata.*

*Rekwiżiti ta' Mandat ta' Inibizzjoni*

*i. Nuqqas tal-jedd Prima Facie*

8. *Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mandat ta' inibizzjoni huwa bbażat fuq żewġ rekwiżiti importanti - li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet;*

9. *Illi dwar il-prova tal-jedd prima facie l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988, fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfre (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti: " ... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.";*

10. *Illi r-rikorrent naqas milli jindika l-jedd li hu qiegħed jallega illi għandu, u li abbażi tiegħu qiegħed iressaq it-talba għall-ħruġ tal-mandat de quo u allura l-jedd prima facie ma jeżistix fil-każ odjern;*

11. *Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħed b'mod arbitru jinqeda b'din il-proċedura eċċezzjonali u straordinarja sabiex jisforza lill-Awtoritajiet intimati jagħmlu dak li hu jixtieq;*

12. *Illi kif ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti datata 18 ta' Lulju, 2008, "[i]r-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din"*

13. *Illi in oltre, il-proċedura tal-Mandat ta' Inbizzjoni hija maħsuba biex tkun waħda sommarja u dana kif stipulat mill-Qorti tal-Kummerċ f'Xuereb noe vs Hili noe datata 22 ta' Settembru 1994:*

*"Huwa propju għalhekk li l-liġi stabbiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħrug ta' l-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi proċediment bħal dak tal-lum, kull ma għandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. [,..] Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.";*

*ii. Nuqqas ta' Preġudizzju*

14. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, apparti d-dritt prima facie, ir-rikorrenti jridu jipprovaw illi ser isofru preġudizzju irrimedjabbli kemm-il darba t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-mandat de quo ma tintlaqax;*

15. *Illi kif irreteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f' S.O.C. & K. Co. LIMITED (C-8141) vs Edward Cauchi u Mary Cauchi, "Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. [...] It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat";*

16. *Illi għaldaqstant, u kif diġa ġie ben stipulat f'din ir-risposta, ir-rikorrenti ma rnexxilux juri permezz tar-rikors tiegħu li huwa ser ikun qed isofri xi preġudizzju irrimedjabbli. F'dan il-każ, peress illi l-mandat inħareġ kontra awtorita' pubblika, il-preġudizzju għandu jkun ukoll sproporzjonat, hekk kif indikat fl-Artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*Kif ġie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, hekk kif preseduta mill-Onor. Imħallef Miriam Hayman, fil-kawża bl-ismijiet Antonia Mifsud et vs Infrastructure Malta et datata 9 ta' Ġunju 2019:*

*"Konsegwentement tqis li l-artikolu 873(3) huwa applikabbli għall-każ in eżami taħt l-aspett li l-aġenzija hija munita b'kariga pubblika fil-qadi tad-dmirijiet imposti fuqha bil-liġi.";*

17. *Illi għalhekk, ir-rikorrenti naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti tal-istess artikolu, liema rekwiżiti huma kumulattivi mhux alternattivi. Dan ifisser*

*illi jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat. Fil-fatt dan huwa prinċipju stabbilit mill-Qrati tagħna. Fil-kawża bl-ismijiet Marco Bonnici et noe vs il-Union Professional Educators et u datata 12 ta' Novembru 2019, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, hekk kif preseduta mill-Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon, qalet:*

*"L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

18. *Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jingħataw waqt it-trattazzjoni tal-mandat.*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, jiġi sottomess bir-rispett li l-elementi fuq imsemmija għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni assolutament ma jirriżultawx. Konsegwentement, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jingħataw waqt it-trattazzjoni tal-mandat.*

8. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim' Imħallef biex il-Qrati jillimitaw il-preżenza ta' nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet w il-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b'mod virtwali.

9. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha illi saret fit-12 ta' April 2021, wara liema trattazzjoni il-kawża giet differita għal digriet.

**Konsiderazzjonijiet legali**

10. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

11. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

12. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

*"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn i-lpretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

*"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu*

*raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u minn naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Konsiderazzjonijiet fattwali

13. Jirriżulta illi r-rikorrenti jgħix ġewwa Triq Ħal Għaxaq, Gudja illi hija triq prinċipali minn fejn jgħaddu wkoll il-karozzi tal-linja operati mis-soċjeta' intimata Malta Public Transport Service (Operations) Limited.

14. Jirriżulta illi r-residenza tar-rikorrent hija dar b'żewġ garages, wieħed fuq kull naħa tal-bieb ta' barra, liema dar tinsab ġewwa 'service road' illi saret reċentement ġewwa Triq Ħal Għaxaq, Gudja, f'liema triq hemm spazji għall-parkeġġ ta' vettura biswit is-'centre strip', li tiġi fuq in-naħa l-oħra tas-service road fejn hija r-residenza tar-rikorrenti.

15. Jirriżulta illi, faċċata tad-dar tar-rikorrenti, kif jidher mir-ritratti eżebiti mill-partijiet, hemm kaxex tal-parkeġġ għall-vetturi.

16. Jirriżulta illi, ftit qabel, kien hemm '*bus stop*' għas-servizz tal-karozzi tal-linja, liema '*bus stop*' kienet ftit aktar 'l isfel mill-propjeta tar-rikorrenti.

17. Jirriżulta, skond sottomissjonijiet illi saru minn Infrastucture Malta, ġewwa Triq Ħal Għaxaq kien qed ikun hemm problema kull meta x-xarabank jieqfu fuq iż-żewġ naħat tat-triq, peress illi l-*bus stop*s kienu faċċata ta' xulxin u, meta jieqfu f'daqqa ż-żewġ xarabanks sejrin f'direzzjoni opposta, kienet tikkawża konġestjoni fit-traffiku.

18. Jirriżulta, dejjem skond sottomissjonijiet illi saru minn Infrastructure Malta, li wara li kkonsultaw mal-Kunsill Lokali Gudja dwar dina l-problema, intlaħaq qbil illi l-*bus stop* fuq in-naħa tal-propjeta tar-rikorrent, titmexxa ftit aktar il-fuq sabiex tiġi evitata tali problema ta' konġestjoni, u għalhekk ġie miftiehem li l-*bus stop* titqiegħed fuq iċ-centre strip faċċata tar-residenza tar-rikorrenti.

19. Jirriżulta illi, riżultat ta' tali qbil, Infrastructure Malta ipproċediet sabiex tibni bażi tal-konkos fit-triq sabiex fuqha tittella' l-bus shelter, u ħadet spazju ta' karozza fil-proċess, għalkemm tali pjattaforma kienet tisporġi ferm anqas minn kemm kienet tisporġi l-parkeġġ.

20. Jirriżulta illi r-rikorrent ħassu urtat minn tali deċiżjoni, stante illi lmenta li kien ser ikollu aċċess ristrett għall-garages tiegħu, u għalhekk nieda l-proċeduri odjerni.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

21. Jirriżulta illi l-ilment prinċipali tar-rikorrent hija illi, bl-installazzjoni ta' *bus stop* faċċata d-dar tiegħu, huwa ma jkunx jista' jibqa' jagħmel użu tal-garages tiegħu kif qed jagħmel fil-preżent, peress illi ma kienx ikun jista' jibqa' jkollu aċċess.

22. Jirriżulta illi l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta ippreżentat dokumentazzjoni, ossija pjanti, illi juru l-wisa' tat-triq kif inhi bħalissa u kif proġettata, u jidher ċar minn tali dokumentazzjoni illi dak ilmentat mir-rikorrenti ma kienx minnu.

23. Jirriżulta, di fatti, illi fil-preżent, faċċata tal-garages tar-rikorrent, hemm spazji ta' parkeġġ għal karozzi, f'liema spazji hemm karozzi illi jimlew il-wisa' kollu tal-ispazju tal-parkeġġ.

24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi, QABEL ma sar il-Mandat odjern, l-Aġenzija Infrastructure Malta kienet ġia bniet bażi għal *bus stop* faċċata tar-residenza tar-rikorrenti, liema bażi jidher illi tisporġi 'l barra ferm anqas minn kemm joħorġu 'l barra l-vetturi preżentement ipparkjati hemm, bir-riżultat illi, mhux talli tali bażi u *bus stop* ser inaqqas l-aċċess għall-garages, iżda talli attwalment ser jgħin fl-aċċess billi tipprovdi għal fetħa aktar wiesgħa quddiem il-garage tar-rikorrenti.

25. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak minnu indikat, ir-rikorrent ma jidhirx illi ser isofri xi preġudizziju irrimedjabbli bl-installazzjoni ta' *bus stop* faċċata tad-dar tiegħu.

26. Għalhekk, la jirriżulta illi r-rikorrent għandu xi dritt prima facie jitlob it-twaqqif tal-installazzjoni tal-*bus stop* fuq is-centre strip faċċata tad-dar tiegħu u wisq anqas ma għandu xi preġudizzju għat-tgawdija tal-propjeta b'mod irreparabbli, kif jikkontendi.

27. Għaldaqstant, il-Mandat ta' Inibizzjoni odjern ma jimmeritax illi jintlaqa'.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-5 ta' Marzu 2021 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mill-Liġi għall-ħruġ tiegħu.

**Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2021, fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.

**Spejjeż** kollha jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**